- *SPOLL –*
- *ARTIKOLU 534 KAP 16 –*
- *ARTIKOLU 791 KAP 12*
- *ANIMUS SPOLIANDI MHUX RIKJEST –*
- *TERMINU TA' DEKADENZA JIDDEKORRI MILL-ATT TA' L-ISPOLL-*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 47**
**Citazzjoni Numru: 972/97/RCP**

**Fal-Con Limited u C & F Enterprises Limited.**

**vs.**

**Andre u Maria konjugi Vassallo.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi jippossjedu porzjon ta' art formanti parti minn art akbar imsejha *Tal-Qtates* fil-kontrada ta' Hal-Saflieni fil-limiti ta' Hal-Luqa, konfinanti mill-Grigal ma' zewg *plots* fabbrikabbli bin-numri rispettivi wiehed u ghoxrin (21) u tnejn u ghoxrin (22) proprjeta tal-konvenuti, u mill-Lbic u mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' l-istess atturi, immarkata bl-isfar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument "A";

Illi l-konvenuti abbuzivament u llegalment dahlu u okkupaw l-imsemmija porzjon ta' art mmarkata b'isfar fil-pjanta anessa (Dok "A") u hemmhekk estendew ix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni illi ghaddejjin fl-imsemmija *plots* taghhom adjacenti bin-numri rispettivi wiehed u ghoxrin (21) u tnejn u ghoxrin (22), biex b'hekk ikkostitwew spoll ricenti, klandestin u / jew vjolenti (Dokument "B");

Illi l-konvenuti nterpellati *inter alia* jizgumbraw minn dik il-porzjon art illegalment okkupata minnhom, naqsu ..... (Dokumenti "C", sa "F");

Illi l-istess socjetajiet attrici talbu li ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex m' ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti kkommettew spoll ricenti, vjolenti u / jew klandestin billi dahlu u okkupaw l-imsemmija porzjon ta' art immarkata b'isfar fil-pjanta annessa (Dok A) u billi hemmhekk estendew ix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni illi ghaddejjin fl-imsemmija *plots* taghhom

adjacenti bin-numri rispettivi wiehed u ghoxrin (21) u tnejn u ghoxrin (22); u

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju l-konvenuti jirreintegraw lill-atturi fil-pusess ta' l-art hawn fuq deskritta u jirritornawha lilhom fl-istat prestin taghha; u

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jikkonducu x-xoghlijiet kollha mehtiega sabiex din l-art tigi prestinata fl-istat originali taghha a spejjez tal-konvenuti, u jekk hemm bzonn taht is-sorveljanza ta' perit nominat ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' April, 1997 u dawk tal-mandat kawtelatorju numru 2085/97, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti (fol. 4 sa 10 tal-process).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-13 t'April 1998 fejn gie eccepit:

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni proposta hija *perenta sante* li ma saritx *entro* x-xahrejn u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu huma kkostruwew skond il-kuntratt ta' l-akkwist taghhom meta xtraw minghand l-istess atturi;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, kull agir taghhom sar *in buona fede* u bil-konsapevolezza ta' l-atturi;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni w il-lista ta' xhieda tal-konvenuti a fol. 15 u 16 tal-process;

Rat il-verbali tad-29 ta' April 1998, tas-17 ta' Gunju 1998 u tat-13 ta' Ottubru 1998.

Rat in-noti tas-socjetajiet attrici tat-2 ta' Novembru 1998, l-affidavits u d-dokumenti hemm esebiti (fol. 24 sa 48).

Rat il-verbal tal-4 ta' Dicembru 1998.

Rat in-nota ta' Andre Vassallo tat-18 ta' Jannar 1999, l-affidavit u d-dokumenti hemm esebiti (fol 52 sa 59).

Rat il-verbal tal-25 ta' Marzu 1999.

Rat ir-rikors tas-socjetajiet attrici tas-17 ta' Mejju 1999, ir-risposta ta' Andre` Vassallo tas-26 ta' Mejju 1999 u d-digriet tal-Qorti tal-31 ta' Mejju 1999 fejn laqghet it-talba, b'dan li

tali kopji legali jsiru a spejjez tas-socjeta` attrici, filwaqt li cahdet it-tieni talba.

Rat il-verbal tas-17 ta’ Gunju 1999 fejn Dr. Jotham Scerri Diacono ghall-atturi, prezenta nota b’dokument ‘INB1’ (fol. 69 sa 163), u x-xhieda moghtija minn Victor Borg Fiorentino u Lucienne Stafrace.

Rat il-verbali tas-26 ta’ Ottubru 1999, tat-23 ta’ Novembru 1999 fejn xehed Victor Borg Fiorentino, tas-27 ta’ Jannar 2000 fejn xehdu Victor Borg Fiorentino, Joseph Pace u Alan Saliba, tat-28 ta’ Marzu 2000 u tat-3 ta’ April 2000 fejn xehdu Godwin Mifsud u Joseph Falzon.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici Fal-Con Ltd et tat-28 t’April 2000 a fol 246 sa 252 tal-process.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Gunju 2000, tas-6 ta’ Lulju 2000 u tat-2 ta’ Novembru 2000 fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tas-socjetajiet attrici tas-6 ta’ Novembru 2000 u d-digriet tal-Qorti tas-7 ta’ Novembru 2000 fejn laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-11 ta’ Jannar 2001.

Rat il-verbali tal-11 ta’ Jannar 2001 fejn l-atturi ddikjaraw li m’ghandhomx provi izjed u Dr. Bartolo ghall-konvenuti ddikjara li baqaghlu biss zewg xhieda; tal-15 ta’ Marzu 2001; tal-11 ta’ Lulju 2001 fejn xehed Joe Pace, u l-kawza

giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-15 ta' Novembru 2001 bil-fakolta ta' prezentata ta' noti ta' osservazzjonijiet.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici Fal-Con Ltd tal-20 t'Awissu 2001 u d-digriet tal-Qorti tat-23 ta' Awissu 2001 fejn prefiggiet terminu ta' hmistax (15)-il jum ghall-prezentata tal-istess nota ta' osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici tas-7 ta' Settembru 2001 (fol. 281 sa 295).

Rat in-nota responsiva tal-konvenuti tat-2 ta' Novembru 2001 (fol 297 sa 305).

Rat il-verbal tal-15 ta' Novembru 2001 u tad-19 ta' Frar 2002 fejn peress li ma deher hadd mill-partijiet u lanqas id-difensuri taghhom, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2002.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. PRINCIPJI LEGALI

Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, ibbazati fuq l-**Artikolu 534**

**tal-kap 16** u l-**Artikolu 791 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, u huma bbazati fuq it-tliet rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`, izda anke purament materjali jew di fatto, izda mhux ta' *mera tolleranza* (**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) *"L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest"* (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` *"pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll"* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-

pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni infatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Illi dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b'mod konkluziv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi abbazi tal-**Artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Illi hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghall-ebda ndagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess / detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legizlazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x'ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9.3.1992).

Illi tal-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija ntiza 'unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**Artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b' mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** – P.A. (A.M.) 24 ta' Jannar 1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. (JSP) 30 ta' April 1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**Margherita Fenech vs Paolo Zammit** – P.A. 12 ta' April 1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23 ta' Jannar 1998).

(f) Illi ta' partikolari nteress, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" ( P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b'din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir *"fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv"*, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li

*meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"N.M.J.Agius vs A. Said"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **"Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine"** (P.A. 26 ta' April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); **"Dr. Rene` Frendo Randon vs David Sciberras"** (P.A. 20 ta' Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP); **"C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited"** (P.A. 1 ta' Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP); **"Maria Concetta Lando vs Eugenio Galea"** (P.A. 15 ta' Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); **"Christine Ward vs Neville Ward"** (P.A. 13 ta' Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **"Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar"** (P.A. 30 ta' Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **"Alan Mckay vs Jacqueline Mckay"** (P.A. 27 ta' Jannar 2000, Citaz. Numru 1660/98/RCP); **"Salvu Gauci vs Gaspare Psaila"** (P.A. 11 ta' April 2000, Citaz. Numru. 1887/97/RCP); **"Abela vs Abela"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **"John Saliba vs Joanne Refalo"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **"Anthony Micallef vs Doris Micallef"** (P.A. 2 ta' Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP); **"Carmelo Fenech vs Joseph Vella"** (P.A. RCP. 3 ta' Ottubru 2000); **"Carmelo Mifsud vs Giuseppi**

**Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000); **"Clive Simpson vs Louis Muscat et"** (P.A. 13 ta' Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **"Neville Xuereb vs Raymond Aquilina"** (P.A. RCP 14 ta' Marzu 2001); **"Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); **"NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. RCP 26 ta' April 2001); **"Mark Napier vs Andre` Bianchi"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **"Michael Fenech vs Licari Estates Limited et"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP) u "**Paul Carbonaro vs Norman Dimech**" (P.A. 12 ta' Lulju 2001 – Citaz. Numru 632/98/RCP) u **"Joseph Aquilina vs Gordon Gerada"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) u **"Joseph Aquilina vs Paul Calleja et"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) fost ohrajn.

## (B). PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodott jirrizulta li b'kuntratt tat-8 ta' Awissu 1996 fl-atti tan-Nutar Charles Mangion (Dok. "A" a fol. 29 sa fol. 34 tal-process) is-socjetajiet attrici bieghu lil konvenuti u lil Joe Cutajar iz-zewg *plots* numru 21 u 22 hemm deskritti bil-konfini hemm indikati u bi pjanta annessa mal-istess kuntratt esebita f'din il-kawza bhala Dok. "B" mac-citazzjoni attrici u fejn fl-istess kuntratt u b'riferenza ghall-istess pjanta jinghad li:-

*"Li l-linja tat-triq u tal-bini huma kif indikati fuq l-annessa pjanta Dok.A".*

Illi din il-pjanta hija dik li giet annessa mal-kuntratt ta' akkwist ta' wahda mill-*plots de quo da parte* tal-konvenuti u minnha jirrizulta car, li l-istess pjanta li hija wkoll iffirmata anke mill-konvenuti stess, li l-akkwist li l-istess konvenuti ghamlu kien jestendi biss sa tali linja tat-triq progetta mis-socjetajiet attrici stess, u l-paragrafu (d) (fol. 32) fuq citat tal-imsemmi kuntratt ta' akkwist bejn il-partijiet u Joe Cutajar (l-akkwirent tal-*plot* l-ohra) ma jhallu l-ebda dubju dwar dan.

Illi wkoll gew esebiti ritratti bhala Dok. "C" a fol. 38 tal-process fejn dawn juru l-izvilupp *da parte* tal-konvenuti fuq din il-parti tat-triq progettata mill-atturi, li baqghet fil-pussess tal-atturi fil-mument tal-bejgh tal-*plots de quo* sakemm sar il-bini fuqha mill-konvenuti, li l-atturi qed joggezzjonaw ghalih kemm f'din il-kawza u kemm fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 2085/97.

Illi dan kollu wkoll jinsab ikkonfermat minn Henry Falzon fl-affidavit tieghu tat-12 ta' Settembru 1998 u mix-xhieda tal-Perit Anthony Fenech Vella fl-affidavit tieghu tat-13 ta' Ottubru 1998 fejn sostna li huwa acceda fuq il-post fil-25 ta' April 1997 u hareg ic-certifikat datat 26 ta' April 1997 esebit wkoll a fol. 42 tal-process u kkonkluda li:-

*"Ir-rizultat ta' din l-indagini kien principalment li l-bini tal-appogg bejn il-plots 21 u 22 kien qabez it-tulijiet ta' l-art*

*trasferita fil-kuntratt imsemmi u li, fl-istess hin, kien qed isir bini ta' speci ta' gandott imsaqqaf il-barra mill-konfini ta' l-istess art hekk kif trasferita. Barra minn hekk, dan l-ispeci ta' gandott kellu fetha fil-hajt tal-genb tieghu fuq in-naha tal-faccata ta' fejn hemm il-plot No. 21 li kienet qed tikkreja servitu` li ma kienx inkluz fl-istess kuntratt".*

Illi wiehed jinnota li *nonostante* l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u salv li ser jinghad aktar 'il quddiem dwar jekk din l-azzjoni saritx fit-terminu ndikat fil-ligi, l-konvenuti fir-risposta taghhom ghall-Mandat ta' Inibizzjoni ma kkontestawx dawn il-fatti ndikati mill-atturi fix-xhieda taghhom tant li qalu li kien *"hemm diskrepanza bejn il-linja tat-triq kif iggarantixxew r-rikorrenti fil-kuntratt ta' l-akkwist imsemmi mill-istess rikorrenti …….. u l-linja tat-triq kif moghtija mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar – diskrepanza li ddisturbat il-pjanijiet ta' kostruzzjoni li ghaliha kienet intiza l-art. F'dan ir-rigward allura s-socjetajiet imsemmija diga' huma inadempjenti ma' l-obbligi kuntrattwali taghhom".*

Illi l-istess konvenuti fl-istess risposta a fol. 96 ta' dan il-process komplew jghidu hekk:-

*"Illi tajjeb li jinghad li s-surveyor Joe Pace ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar kien gharraf lis-socjeta' Fal-Con Ltd fil-bidu ta' Jannar 1997 bit-tibdil fil-linja tat-triq. L-esponent ghalhekk in bona fede, ghax huma fehmu li l-linja tat-triq hija dik indikata fil-kuntratt huma procedew bil-bini u di fatti s-socjetajiet in kwistjoni kienu jafu b'dan kollu u agixxew ghall-ewwel darba*

*ghall-habta ta' Marzu meta l-bini kien diga' kostruit – illi f'kaz bhal dan hemm applikabbli l-effetti ta' l-artikolu 571 tal-Kap 16 taht l-istitut tal-accessjoni".*

Illi minn dan kollu jidher li anke f'dan l-istadju kien jidher car li l-konvenuti kienu jafu li ma kienux qed jibnu skond il-kuntratt ta' akkwist taghhom proprju minhabba id-diskrepanza bejn il-linja tat-triq indikata fil-kuntratt u dik indikata mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, u ghalhekk bnew konxjentozament u bil-konsapevolezza kollha fuq it-triq progettata, li skond il-kuntratt tal-akkwist kienet baqghet proprjeta' u fil-pussess tas-socjetajiet attrici.

Illi wara li qal dan kollu fl-ewwel paragrafu citat fir-risposta tieghu l-konvenut ma setghax imbaghad jghid fit-tieni paragrafu li huwa bena *in bona fede* mal-linja moghtija lili mill-Awtorita' ta' L-Ippjanar, *stante* li huwa kien ben konxju ta' dak li xtara tant li qal li l-vendituri kienu naqsu mill-garanziji lilu moghtija, u dan apparti dak li hemm indikat u gie aktar il-fuq ikkwotat *verbatim* fil-kuntratt ta' akkwist, u senjatament li l-linja tat-triq kienet dejjem dik li giet indikata mill-partijiet fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt ta' trasferiment.

Illi minn dan jidher ukoll li l-konvenuti ma kienux *in bona fede* kif qed jigi minnhom allegat *stante* li apparti li kienu jafu dan kollu u dan mill-bidunett, jirrizulta wkoll li huma kienu qed jikkomettu dan l-ispoll ben konxju ta' dak li rejalment huma akkwistaw fl-att ta' trasferiment tal-imsemmija *plots* u

dan ma setghax ikun mod iehor meta wiehed jara l-estenzjonijiet tal-*plots*, u wiehed mill-ewwel jinduna li t-tul biss tal-hajt divizorju bejn il-*plots* numru 21 u 22 huwa in realta` ferm itwal mill-estensjoni tal-istess *plots*, kif gie konstatat kemm mill-Perit Anthony Fenech Vella u mill-Perit Rene’ Buttigieg, fir-relazzjoni tieghu peritali fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni fl-ismijiet premessi u li jifforma parti mill-atti esebiti bhala prova f’din il-kawza.

Illi dan l-agir tal-konvenuti huwa aktar serju meta wiehed jikkonsidra li qabel u waqt li kien isir tali bini mill-konvenuti fuq l-art li baqghet fil-pussess u proprjeta’ ta’ l-atturi, l-istess konvenuti, konxji li s-socjetajiet attrici kellhom pendenti applikazzjoni mal-Awtorita’ tal-Ippjanar sabiex it-triq progettata tigi konformi mal-kuntratt li huma bieghu lill-konvenuti, kienu qed joggezzjonaw *tramite* Andre’ Vassallo mal-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar sabiex tali tibdil rikjest ma jsehhx, anke ghaliex sostnew li huma kienu issa l-proprjetarji tal-*plot* hekk akkwistata bil-kuntratt premess, b’dan li avvantaggjaw ruhhom minn dan il-fatt biex effettivament iwaqqfu l-ipprocessar ta’ tali applikazzjoni attrici, fil-waqt li bdew jew komplew jibnu fuq art li ma kenitx la taghhom u lanqas fil-pussess taghhom kif jidher mill-pjanta Dok. “A” a fol. 5 tal-process u mic-certifikat tal-Perit Fenech Vella a fol. 6 tal-process, ilkoll annessi mac-citazzjoni attrici.

Illi dan jikkonbacja wkoll mar-risposta tal-konvenuti permezz tal-ittra ufficjali taghhom tal-11 ta’ April 1997 a fol. 8 tal-process fejn l-konvenuti, b’risposta ghall-ittra ufficjali tas-

socjetajiet attrici sabiex jieqfu minn tali xoghol fuq l-proprjeta' attrici, qed jghidu u b'hekk jippretendu li ladarba huma fl-istess att ta' trasferiment gew garantiti access ghat-triq kif indikat fil-kuntratt u fil-pjanta hemm annessa u accettata minnhom, huma kellhom id-dritt li jibnu fuq l-istess art indikata fil-kuntratt bhala triq, *nonostante* l-fatt li rrizulta li t-triq progettata u mahruga mill-Awtorita' kompetenti, inkluz l-Awtorita' tal-Ippjanar kienet aktar lil hinn mill-istess *plot* u ghalhekk in verita' l-access li ghandhom l-konvenuti huwa minn fuq l-art tas-socjetajiet attrici u fil-pussess tal-istess atturi sa ovvjament qabel il-kommissjoni tal-att spoljattiv lamentat.

Illi dan certament jista' jaghti drittijiet lill-konvenuti anke fuq il-kuntratt tal-akkwist, izda kull parti f'din il-kawza messha kienet, u *in effetti* ghandha tkun dejjem konxja tal-fatt li din hija azzjoni ta' spoll, li ma tidholx fil-petitorju izda biss fuq l-element tal-pussess, spoll, u t-terminu meta giet inizjata l-azzjoni mid-data tal-allegat spoll, u ghalhekk fil-fatt l-azzjoni ta' spoll hija ntiza sabiex twaqqaf lill-konvenuti u persuni ohra bhalhom, li ghaliex jippretendu anke forsi korrettament li ghandhom drittijiet *verso* terzi, jiehdu l-ligi b'idejhom, kif fil-fatt jidher u jirrizulta li ghamlu l-konvenuti f'dan il-kaz, haga li din il-Qorti f'azzjoni ta' spoll ghanda u hija obbligata li tara li ma thallix isehh, ghaliex *altrimenti* l-bazi kollha tal-istitut tal-azzjoni ta' spoll jigi vanifikat ghal kollox, apparti li dan imur kontra l-principji tal-istess azzjoni u tar-*Rule of Law* ikkonfermati konsistentement mill-Qrati taghna fis-

gurisprudenza konstanti fuq citati, u in partikolari minn din il-Qorti fis-sentenzi taghha fuq riferiti.

Illi fil-fatt mill-atti processwali tirrizulta wkoll ippruvata l-intenzjoni tal-konvenuti li jfixklu t-talba tal-atturi ghal konsiderazzjoni u applikazzjoni taghhom lill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar sabiex il-linja tat-triq tigi taqbel ma’ dak indikat fil-pjanta taghhom formanti parti mill-kuntratt ta’ bejgh tal-*plots de quo* wkoll lill-konvenuti, tant li fix-xhieda moghtija fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 2085/97/NA li ghadu sa llum pendenti, Joseph Felice bhala rapprezentant tal-istess Awtorita’ ta’ l-Ippjanar fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 1997 xehed ghan-nom tal-istess Awtorita’ tal-Ippjanar u qara minn *memo* fil-file tal-Awtorita’ tal-Ippjanar, datata l-istess minuta 2 ta’ April 1997, (li *in effetti* hija ittra ndirizzata lill-Perit Alan Saliba datata 11 ta’ April 1997 u li hija esebita a fol. 58 tal-process) li taqra f’re:- PA 1954/96 is-segwenti:-

*“We refer to your letter dated 24th March re road alignment ebating your client’s site as referred to above. A request GF 187/96, was made by Mr. Ian Zammit A & CE on behalf of Fal-Con Ltd. and C & F Enterprises Limited to change alignment with their property as has been indicated in deed dated 8th August 1991 submitted by applicant. Since it transpired that the plots have been sold and therefore any change in the alignment would somehow effect the present owners, we are keeping the request pending formal declaration of consent from present owners”.*

Illi dan juri li l-konvenuti kienu konxji tal-fatt li huma kienu qed jibnu fuq dik il-parti tat-triq li ma kenitx trasferita lilhom u fil-fatt qatt ma taw il-kunsens taghhom bhala sidien tal-istess *plot* sabiex isir tibdil fil-linji tat-triq sabiex din tigi taqbel ma' dak li kien hemm fl-istess kuntratt ta' akkwist, u b'hekk kienu qed jakkwistaw art aktar milli huma jafu li fil-fatt akkwistaw minghand l-atturi, u dan juri wkoll li minkejja kull sottomissjoni, eccezzjoni, u allegazzjoni ohra li huma bnew *in bona fede* fuq il-proprjeta' tal-atturi, u fuq l-art li kienet u dejjem baqghet fil-pussess tas-socjetajiet attrici, huma in verita' kienu jafu ezatt x'kienu qed jaghmlu, u dan qed jinghad biss fil-kuntest ta' evalwazzjoni ta' provi u l-kredibilita' tal-istess konvenuti, ghaliex f'materja ta' spoll huwa *ormai* ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li dak li huwa mportanti sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll huwa biss l-element u l-fatt ta' l-ispoll u mhux l-intenzjoni u dan kif ritenut mis-sentenza ricenti tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"Dimitry Orlov vs Edward Pavia et"** (A.C. (JSP-CAA.-JDC) tat-12 ta' Jannar 2002).

Illi nfatti fis-sentenza **"Tereza Cachia vs Joseph Caruana"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002) din il-Qorti, anke konsegwenti ghas-sentenza hawn appena citata qalet hekk:-

*"Illi fil-fatt f'dan il-kuntest huwa rilevanti li wiehed jirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet* ***"Dimitry Orlov vs Edward Pavia et"*** *(A.C. (JSP-CAA.-JDC) fejn gew kkonfermati l-principji li l-azzjoni ta' spoll tinteressa ruhha biss fl-att spoljattiv ut sic u dan in konformita' mal-principju li*

*hadd ma jista' jiehu l-ligi b'idejh, anke minn jippretendi li ghandu dritt, u huwa mmaterjali li jkun hemm konvenzjoni dwar l-istess, stante li l-azzjoni ta' spoll ma hijiex ibbazata fuq relazzjoni guridika kontrattwali izda ex delicto, u fl-ahharnett sostniet li l-animus spoliandi mhux necessarju li jigi ppruvat sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll, anke ghaliex tali att spoljattiv fih innifsu huwa bizzejjed, u l-att spoljattiv isehh jekk dan l-att isir kontra l-volonta' tal-attur fil-kawza. Dan jikkonferma ukoll dak li gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza* ***"C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited"*** *(P.A. (RCP) 1 ta' Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP)".*

Illi fil-kuntest tal-azzjoni odjerna jirrizulta ghalhekk li l-istess xoghol sar mill-konvenuti kontra l-volonta' tal-istess socjetajiet attrici, u minghajr il-kunsens taghhom, u wkoll *nonostante* li s-socjetajiet attrici ddifidaw lill-istess konvenuti milli anke jkompli bl-istess xoghol, u l-allegati pretensjonijiet tal-konvenuti *verso* is-socjetajiet attrici bbazati fuq il-kuntratt ta' l-akkwist premess u fuq il-linja tat-triq li sa llum tidher li hija ezistenti mal-Awtorita' ta' l-Ippjanar, bl-ebda mod ma jiggustifika l-azzjoni llecita tal-istess konvenuti, li ghazlu li jiehdu l-ligi b'idejhom, u b'hekk ikkomettew l-att spoljattiv premess ghad-dannu tas-socjetajiet attrici, formanti l-mertu tal-azzjoni attrici fuq art li kienet dejjem fil-pussess tal-istess socjetajiet attrici, u li qatt ma giet trasferita, jew bi kwalunkwe mod iehor mghoddija fil-pussess tal-konvenuti.

Illi dan qed jinghad ghaliex jirrizulta anke mill-pjanti esebiti mal-kuntratt li tali *plots* gew pjanati li jmissu ma' triq progettata mill-istess socjetajiet attrici, u rigward l-istess huma kellhom applikazzjoni pendenti quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex it-toroq progettati mill-Gvern jigu mibdula u minflok tigi addottatta l-istess triq progettata fl-applikazzjoni taghhom. Izda din l-applikazzjoni kienet waqfet peress li l-konvenut Andre' Vassallo kien kiteb ittra lill-Awtorita' tal-Ippjanar fejn kien oggezzjona ghal tali tibdil, bil-konsegwenza li t-toroq approvati ma humiex skond il-kuntratt ta' bejgh li l-istess atturi kienu stipulaw mal-konvenuti.

Illi fil-fatt skond ix-xhieda ta' Victor Borg Fiorentino fil-fatt it-talba tal-atturi ghat-tibdil tal-linja fit-triq progettata saret fl-20 ta' Dicembru 1995 mentri l-oggezzjoni tal-perit tal-konvenuti saret fl-24 ta' Marzu 1997 (fol. 170) u skond ix-xhieda tal-Perit Lucienne (mhux Christian) Stafrace tas-17 ta' Gunju 1999 kienet din l-ittra ta' oggezzjoni li waqqfet il-process kollu ta' konsiderazzjoni u approvazzjoni tar-rikjesta tal-atturi ghall-bdil ta' l-istess linji tat-triq, liema approvazzjoni kienet tidher li ser tinghata skond ma jidher minn minuta tal-istess *file* relattiv u hekk baqghet il-pozizzjoni sakemm dahlet l-ittra ta' oggezzjoni fuq riferita.

Illi *di piu* jirrizulta wkoll li f'Marzu 1997 il-konvenut beda jibni l-*plots* tieghu u deher li kien bena wkoll fil-parti fejn giet indikata t-triq progettata mill-atturi, li kienet u baqghet fil-pussess tal-atturi, u dan kif indikat mill-istess Perit Fenech

Vella fic-certifikat minnu rilaxxat u esebit bhala Dok. “B” a fol. 6 tal-process u mir-ritratti Dok. “E” u “F” “G” u “H” a fol. 38 tal-process, u wkoll mir-ritratt li jinsab esebit a fol. 252 tal-process *nonostante* li l-istess socjetajiet attrici nterpellaw lill-konvenuti biex jieqfu mill-istess xoghol fuq il-proprjeta’ taghhom permezz ta’ ittra ufficjali u fin-nuqqas johrog Mandat ta’ Inibizzjoni kontra taghhom.

Illi fil-fatt ghalkemm ghall-ewwel il-konvenuti dehru li riedu jaslu fi ftehim u dan kif jirrizulta mill-ittra legali taghhom datata 29 ta’ Marzu 1997, ix-xoghol *da parte* tal-konvenuti baqa’ ghaddej tant li l-istess socjetajiet atturi hargu ittra ufficjali kontra l-konvenuti datata 3 ta’ April 1997, li ghaliha l-konvenuti rrispondew b’ittra ufficjali datata 11 ta’ April 1997 (Dok. “D”) fejn jirrizulta li l-konvenuti fl-istess ittra sostnew li:-

*“jirreferikhom ghall-kuntratt ta’ akkwist fl-atti tan-Nutar Charles Mangion datat 8 ta’ Awissu 1996 fejn hemm indikat li l-linja tat-triq hija differenti u di piu’ l-faccata hi fuq triq progettata bla isem. Illi fi kwalunkwe kaz jirreferikhom ghall-artikolu 447 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta”.*

Illi l-konvenuti xorta baqghu jibnu u ghalhekk gie prezentat Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-istess konvenuti fit-18 ta’ April 1997, u dan peress li l-hajt divizorju bejn il-*plots* 21 u 22, li suppost kellu jestendi ghat-tul tal-plot li skond il-kuntratt ta’ 87 pied, fil-fatt sar ta’ 105.5 piedi, kif indikat bl-isfar fuq il-pjanta Dok.”A” annessa mac-citazzjoni attrici.

Illi fir-relazzjoni tal-Perit Arkitett Rene' Buttigieg fl-atti tal-istess mandat ta' inibizzjoni jirrizulta wkoll kkonfermat li l-allegazzjonijiet vantanti mill-atturi gew wkoll stabbiliti, b'dan li l-konvenuti gew indikati li dahlu fil-proprjeta' tal-atturi u wkoll li l-bini taghhom kien jestendi ghal tul iktar minn dak indikat ghall-*plots* taghhom fil-kuntratt tal-akkwist premess, u dan apparti l-gandott li nbena fuq l-art tal-istess socjetajiet attrici u ghal dan l-iskop wiehed jirreferi ghar-relazzjoni peritali u a fol. 117, 118 u 119 ta' dan il-process u l-konkluzjonijiet tal-istess li lkoll jikkonfermaw t-tezi attrici.

Illi l-affidavit tal-konvenut Andre' Vassallo jikkonferma dan kollu *stante* li jidher mill-istess affidavit li bil-bini li ghamel fuq il-parti li fil-pjanta annessa mal-kuntratt tidher li hija triq huwa kien jaf li kien qed jiehu art aktar milli fil-fatt xtara minghand is-socjetajiet attrici, tant li anke offra biex ihallas ghall-istess art li huwa kien jokkupa f'dimensjonijiet akbar minn dak li hemm indikat fl-istess kuntratt u pjanta hemm annessa.

Il-fatt li l-konvenut fl-istess affidavit jargumenta li l-atturi ggarantixxu li l-bini taghhom kellu jkun mal-linja tat-triq, ghalkemm jista' jaghti drittijiet lilhom fuq bazi kontrattwali kontra l-venditur, qatt ma jista' jiggustifika f'azzjoni ta' spoll, li l-konvenuti jiehdu l-ligi b'idejhom u juzurpaw art li qatt ma kienet fil-pussess taghhom u lanqas trasferita lilhom, *stante* li jidher car mill-istess pjanta' tal-att ta' trasferiment li l-art taghhom kienet testendi sal-linja tat-triq hemm indikata fl-

istess pjanta u mhux ghal kwalunkwe linja tat-triq ohra, anke jekk stabbilita mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

Illi l-istess pozizzjoni ttiehdet fis-sentenza **"Philip Grima vs Ronald Spiteri"** (A.C. 8 ta' Gunju 1999) fejn il-fatt li kien hemm tibdil fil-konfigurazzjoni tat-triq u b'hekk il-kompratur ma jkollux access ghat-triq ma tiggustifikax li l-konvenuti jiehdu il-ligi b'idejhom u jestendi l-bini tieghu fuq proprjeta' u art posseduta minn haddiehor tant li l-istess Qorti qalet li:-

*"F'din is-sitwazzjoni il-konvenut kellu jinterpella lil minn bieghlu l-proprjeta` sabiex jersaq halli jirregolarizza l-pozizzjoni u jassiguralu dak li kien iggarantilu fuq il-kuntratt u cjoe' li l-art kienet sit fabbrikabbli b'access mit-triq. Il-konvenut ma kellux pero' d-dritt li unilateralment japproprija ghalih art li ma kenitx giet lilu trasferita biex juzaha jew bhala parti mis-sit fabbrikabbli tieghu, jew biex jipprovdi permezz taghha access fuq in-nofs tat-toroq li ghal fuqhom is-sit kellu faccata".*

Illi f'materja ta' spoll din il-Qorti zzid, li indipendement minn kull dritt li l-konvenuti jistghu vvantaw kontra l-atturi *ex contractu,* li xi hadd jippretendi li jiehu l-ligi b'idejh u juzurpa l-pussess *altrui* la ghandu u lanqas ser jigi qatt permess *stante* li l-azzjoni ta' spoll ghanda dejjem fil-mira taghha li kull cittadin jigi mpedut milli jiehu l-gustizzja b'idejh, b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun skonvolt u turbat.

Illi dwar it-terminu meta saret l-azzjoni attrici jidher ukoll li din saret fit-terminu ta' xahrejn preskritt mill-ligi *stante* li jirrizulta mill-provi li l-bini kien u ghadu qed isir f'Marzu tas-sena 1997, u tenut kont li l-azzjoni giet istitwita fit-30 ta' April 1997 jidher li din l-eccezzjoni ma ghandhiex lanqas tigi milqugha.

Illi ovvjament tali terminu ghandu jiddekorri mid-data meta gie kommess l-att spoljattiv *ut sic* u mhux mid-data minn meta l-atturi setghu ndunaw bl-istess att illegali, u dan gie definittivament deciz fis-sentenza **"Avukat Dr. Francis Xavier Vassallo et vs Joseph Baldacchino et"** (A.C. 4 ta' Dicembru 1998).

Illi fil-fatt inghad fis-sentenza **"Gorg Camilleri vs Gorg Bonello"** (A.C. 5 ta' Ottubru 1998) li:-

*"F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta, l-att turbattiv tal-pussess li ta lok ghall-istess spoll ghandu dejjem ikun identifikabbli u ghandu dejjem bi precizjoni jigi identifikat ('spoliatum fuisse') bi zmien determinat mhux biss ghaliex mill-mument li javvera ruhu l-istess spoll l-perjodu ta' dekadenza tal-azzjoni ta' spoll jibda jiddekorri……..."*

Illi l-fatt li l-azzjoni giet esperita korretta fl-istess terminu jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Joseph u Henry Falzon ghan-nom tas-socjeta' Fal-Con Limited u dan jidher li huwa kkorroborat mill-fatt li fl-ittra tal-Perit Alan Saliba datata 24 ta' Marzu 1997 huwa qed jghid li kien gie fuq il-lant tax-

xoghol Joseph falzon u waqqaf lill-konvenut mix-xoghol ta' kostruzzjoni li kien ghadu qed isir u dan kif sewwa indikaw l-istess atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom a fol. 285 tal-process. Dan huwa kkonfermat fl-ittra legali tal-istess konvenuti datata 11 ta' April 1997 minn fejn jirrizulta li l-istess bini kien ghadu qed jigi esegwit, u fl-ahharnett mill-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru 1997 jidher li l-konvenuti meta waqfu mix-xoghol ghaliex gew inibiti provizorjament minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 2085/97/NA permezz ta' Digriet datat 18 ta' April 1997, huma kienu ghadhom fi stat ta' kompletazzjoni tal-istess kostruzzjoni, tant li fl-istess verbal inghad minn Dr. Toni Abela, li minhabba l-waqfien mix-xoghol *da parte* tal-konvenuti ghandha tinghata garanzija mill-istess rikorrenti, l-atturi odjerni (fol. 109). In verita' mix-xhieda prodotta mill-konvenut ma hemm xejn li jikkontradixxi din il-prova attrici, u l-argumentazzjonijiet dwar l-istess punt li wiehed isib fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti ma humiex bbazati fuq il-provi ezistenti minn dan il-process, u fi kwalunkwe kaz ma ixejnu bl-ebda mod ir-rizultanzi fuq indikati prodotti wkoll minn atti naxxenti minn naha tal-konvenuti nnifishom kif fuq spjegat.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti kkomettew spoll ricenti, vjolenti u / jew klandestin billi dahlu u okkupaw l-imsemmija porzjon ta' art immarkata b'isfar fil-pjanta annessa mac-citazzjoni attrici (Dok "A") u billi hemmhekk estendew ix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni illi ghaddejjin fl-imsemmija *plots* taghhom adjacenti bin-numri rispettivi wiehed u ghoxrin (21) u tnejn u ghoxrin (22); u

2. Tikkundanna l-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' sittin gurnata mid-data ta' din is-sentenza, il-konvenuti taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Valerio Schembri, li qed jigi nominat minn din il-Qorti sabiex jissorvelja u jidderigi l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenuti, jirreintegrataw lill-atturi fil-pussess ta' l-art hawn fuq deskritta u jirritornawha lis-socjetajiet attrici fl-istat prestin taghha u dan billi jnehhu kull kostruzzjoni li huma ghamlu fl-istess parti tal-art indikata bl-isfar fuq il-pjanta immarkata bhala Dok. "A" mac-citazzjoni attrici a fol. 5 tal-process u kif indikata fl-ewwel paragrafu ndikat bhala (1) fic-certifikat peritali tal-Perit A. Fenech Vella datat 26 ta' April 1997, u sabiex jigi eliminat il-gandott li sar mill-konvenuti fl-istess parti tal-art posseduta mill-atturi ndikat fit-tieni paragrafu tal-istess certifikat peritali bhala (2).

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-istess Perit Valerio Schembri jikkonducu x-xoghlijiet kollha mehtiega sabiex din l-art tigi prestinata fl-istat originali taghha kif fuq premess a spejjez tal-konvenuti, inkluz dawk tal-istess Perit Tekniku hawn nominat minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' April, 1997 u dawk tal-Mandat Kawtelatorju numru 2085/97, u dawk tal-perit tekniku hawn nominat a karigu tal-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002**